



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

19.4.2010

0020/2010

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar id-dikjarazzjoni ta' sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa

**Marc Tarabella, Barbara Matera, Marije Cornelissen, Ilda Figueiredo,
Antonyia Parvanova**

Data ta' skadenza: 19.7.2010

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar id-dikjarazzjoni ta' sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-frażi “vjolenza fuq in-nisa” tfisser kull att ta’ vjolenza bbażat fuq is-sess u li jikkawża jew jista’ jikkawża preġudizzju jew tbatija fiżika, sesswali jew psikoloġika lin-nisa, inkluż is-sempliċi theddida ta’ tali atti, l-isfurzar jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, kemm fil-ħajja pubblika kif ukoll fil-ħajja privata,
- B. billi l-vjolenza fuq in-nisa hija ostakolu ewljeni għall-ugwaljanza bejn is-sessi u tikkostitwixxi wieħed mill-ksur tad-drittijiet tal-bniedem l-aktar frekwenti, irrispettivament mill-barrieri ġeografiċi, ekonomiċi, kulturali jew soċjali,
- C. billi din hija problema serja fl-Unjoni, fejn 20 jew 25% tan-nisa għaddew minn vjolenza fiżika matul il-ħajja adulta tagħhom u fejn aktar minn 10% tan-nisa kienu vittmi ta’ vjolenza sesswali,
- D. billi l-Parlament kemm-il darba talab li tiġi ddikjarata sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, partikolarment waqt l-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-2009,
 1. jiġi jinsisti dwar il-fatt li l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa hija importanti biex tintlaħaq ugwaljanza bejn is-sessi;
 2. jitlob lill-Kummissjoni biex tiddikjara, fil-ħames snin li ġejjin, sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa;
 3. jitlob lill-President tiegħu biex jibgħat din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-isem tal-firmatarji, lill-Kummissjoni.